# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

## Seduta tal-lum it-Tnejn 25 ta' Settembru, 2023

**Rikors Nru.: 1008/2022 MH**

**Numru: 6**

**Sergio Bonnici u Emiliano Bonnici**

**vs**

**Christopher Drago u Maria Drago**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ta' Sergio Bonnici u u Emiliano Bonnici tal-31 ta' Ottubru 2022 ai termini tal-artikolu 281 tal-Kap. 12** permezz ta' liema ġie premess u mitlub–

1. *"Illi l-esponenti gew notifikati bl-ittra ufficjali bin-numru 811/2020, fit-termini ta' l-artikolu 253(b) u 256 tal-Kap. 12 sabiex l-intimati jirrendew ezegwibbli l-kuntratt notarili datat 17 ta' Settembru 2016; Ittra u kuntratt annessi u immarkata dok A;*

2. *Illi permezz ta' l-istess ittra l-intimati talbu l-hlas ta' tmientax-il elf euro (€18, 000) oltre l-imghaxijiet legali skond l-istess kuntratt;*

3. *Illi skond l-istess kuntratt ir-rikorrenti kellhom jakkwistaw min ghand l-intimati:*

    1) *l-avvjament (goodwill) ta' negozju ga stabbilit mil-Kumpraturi ghal dawn l' ahhar ghaxar snin gewwa Malta;*
    2) *'Lifter' tal-marka TCM bla numru ta' registrazzjoni mudel 4YP;*
    3) *sistema ta' skafar tal-hadid li jinsab mahzun go garage gewwa Hal-Qormi;*
    4) *zewg palettisers li kienu fl-istess mahzen;*

*u dan verus il-prezz ta'  tnejn u ghoxrin elf euro (€22,000)*

4. *Illi minn dan il-prezz l-esponenti kienu halsu is-somma ta' tlett elef euro (€3000);*

5. *Illi l-avvjament in kwistjoni kellu jkun xejn hlief rota ta' hwienet li l-intimati kienu jbieghu xorb alkoholiku, ilma u luminata;*

6. *Illi l-esponenti pero waqfu jhallsu l-pagamenti skond il-modalita tal-kuntratt u dan peress li l-intimati ikkommettew frodi fil-konfront taghhhom stante li ma kien hemm l-ebda avvjament ta' negozju kif deskritt minnhom;*

7. *Illi fil-fatt l-avvjament tan-negozju ta' l-intimati ma kien xejn hlief 'scam' peress li l-intimati kienu jakkwistaw prodott u jbieghuh bit-telf tant li spiccaw midnuna ma kulhadd;*

8. *Illi l-esponenti ma kienux jafu b'dak li kienu qed jaghmlu l-intimati peress li l-intimati taw stampa tan-negozju taghhom bhala wiehed li jhalli lukru tajjeb;*

9. *Illi sahansitra irrizulta li l-lifter li kienu hallew l-intimati kien wiehed misruq;*

10. *Illi ghalhekk ir-rikorrenti permezz ta' dan l-umli rikors a tenur tal-Artikolu 281 tal-Kap.. 12 qiegħdin jopponu għal dan l-att eżekuttiv stante li l-kuntratt hawn fuq imsemmi huwa karpit b'qerq u frodi da parti ta' l-intimati;*

11. *Illi kontestwalment ma dan ir-rikors qed jigi ntavolat rikors gurament sabiex dan il-kuntratt jigi dikjarat null;*

*Għalhekk, in vista tas-suespost l-esponenti umilment jitlobu lil din l- Onorabbli Qorti tħassar u tirrevoka l-att eżekuttiv (Ittra Uffiċjali Nru 811/2020) mertu ta' dan l-umli rikors u dan salv kull ordni jew provvediment li din l-istess Qorti jidhrilha aktar xieraq u opportun".*

**Rat illi l-konvenuti, debitament notifikati bl-atti tal-kawża ma ntavolaw ebda risposta entro t-terminu stipulat mill-liġi u għalhekk huma kontumaċi.**

Rat ukoll li ħadd mill-konvenuti jew difensur tagħhom baqa' qatt ma deher għas-seduti.

Rat illi waqt is-seduta tal-5 ta' Lulju 2023[1] ġiet milqugħa t-talba tal-atturi sabiex il-provi mressqa fil-kawża Rik Ġur Nru 459/2020 fl-istess ismijiet japplikaw ukoll għal din il-kawża.

[1] Fol 22

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni l-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka l-att eżekuttiv (Ittra Uffiċjali Nru 811/2020) maħruġa mill-konvenuti Christopher Drago u Maria Drago kontrihom.

Mill-provi jirriżulta li fit-3 ta' Marzu 2020 ġiet intavolata ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 256 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta[2] permezz ta' liema Christopher Drago u Maria Drago għamlu referenza għall-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 17 ta' Settembru 2016 permezz ta' liema l-atturi odjerni kienu kkostitwew ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri tagħhom fis-somma ta' €22,000.

Fl-ittra uffiċjali msemmija l-konjuġi Drago rrilevaw li peress li l-aħwa Bonnici kienu naqsu milli jottemporaw ruħhom mal-iskeda tal-ħlas tal-istess kuntratt,

[2] Fol 5 tal-każ Rik Ġur Nru 459/2020 fl-ismijiet premessi

huma kienu qegħdin jinterpellawhom sabiex fi żmien jumejn iħallsu s-somma ta' €18,000 oltre l-imgħaxijiet legali skont l-istess kuntratt.

Huma għarrfu wkoll lill-aħwa Bonnici li permezz tal-istess ittra uffiċjali rrendew l-istess kuntratt titolu eżekuttiv skont il-liġi u li f'każ li jonqsu li jottemporaw ruħhom ma' dak rikjest minnhom fl-ittra uffiċjali kienu ser jipproċedu kontrihom bil-meżżi kollha li ttihom il-liġi nkluż il-ħruġ tal-mandati opportuni.

**Ikkunsidrat:**

L-azzjoni odjerna qed issir ai termini tal-**artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li jipprovdi hekk -

*"(1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att eżekuttiv jewxi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar, sew għal kollox jewf'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi.*

*(2) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmien għaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tippreżenta:*

*Iżda l-qorti tista', f'każijiet urġenti, tirriduċi l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppożizzjoni, il-qorti għandha tilqa' t-talba."*

Il-Qorti tagħmel referenza għall-proċeduri Rik Ġur 459/2020 fl-istess ismijiet li ġiet deċiża llum u li l-konklużjonijiet tagħha jimpinġu direttament fuq il-mertu tal-kawża odjerna. F'dik il-kawża l-Qorti laqgħet it-talba tal-atturi Bonnici u ddikjarat li l-kuntratt ta' bejgħ u kostituzzjoni ta' debitu ffirmat bejn il-partijiet fis-17 ta' Settembru 2016 huwa null u bla effett fil-liġi stante li kien vizzjat b'qerq, frodi u ngann da parti tal-konvenuti. Konsegwentement il-Qorti ordnat it-tħassir, ir-rexxissjoni u l-annullament tal-kuntratt imsemmi kif ukoll ordnat ir-rifużjoni lill-atturi tal-flejjes imħallsa minnhom lill-konvenuti ai termini tal-istess kuntratt.

Dan ifisser li kwalunkwe titolu eżekuttiv naxxenti minn dak il-ftehim huwa wkoll null u bla effett u kwindi ma fadal xejn x'jiġi reż eżegwibbli.

Isegwi li t-talbiet tal-atturi fil-kawża odjerna huma ġustifikati u qed jiġu milqugħa.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa' t-talba tal-atturi fir-rikors tal-31 ta' Ottubru 2022 u tħassar u tirrevoka l-att eżekuttiv (Ittra Uffiċjali Nru 811/2020) preżentat fit-3 ta' Marzu 2020;**

**2. Tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża jkunu a karigu tal-konvenuti.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**

**Imħallef**

**Rita Falzon**

**Dep.Reġ**